TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1642

KAZ NRU. 1718

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Romain Galea

u

Farmers' Central Co-Operative Society Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 24 ta' Ottubru 2005.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 23 ta' Ottubru 2002 skond l-Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 14 il-seduta.

Romain Galea, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici u Farmers' Central Co-Operative Society Ltd., aktar il-quddiem tissejjah is-"Socjeta", kienet rapprezentata mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li ma kienx hemm gustifikazzjoni valida fil-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg u r-ragunijiet li dan sehh kienu l-atteggament ostili tal-Ministru tal-Biedja u s-Sajd u l-imgieba mhux korretta tal-President tal-Koperattiva. Is-Socjeta qalet li l-appellant tkecca wara li Bord ta' Verifika appuntat mis-Socjeta rrapporta dwar kif l-appellant ippresta x-xoghol tieghu, l-attitudni li ha ma membri ndividwali tal-Kumitat, mal-Kumitat kolleggjalment u fil-konfront ta' ufficjali gholja tal-Gvern. Qalet ukoll li l-appellant naqas f'diversi aspetti ohra, nghata diversi twissijiet dwar il-komportament tieghu u nghata kull opportunita biex jiddefendi ruhu.

Kien hemm xhieda estensiva u gew prezentati numru kbir ta' dokumenti. It-Tribunal evalwa dawn fil-kuntest ta' dak li sostnew il-partijiet fl-Istqarrija tal-Kaz.

Dwar dak li qal l-appellant ma giex pruvat li kien hemm atteggament ostili lejh mill-Ministru tal-Biedja u s-Sajd. Mix-xhieda jirrezulta li fil-bidu tas-sena 2002, f-laqgha tas-Socjeta mal-Ministru, l-appellant fis-sahna ta' argument ghajjat u sabbat fuq il-mejda u gie mcanfar mill-Ministru li kellu ragun jaghmel hekk. Ma jirrizultax izda li din kienet ir-raguni li hzienu r-relazzjonijiet bejn il-Ministeru u s-Socjeta, kif ikkontendiet din, izda principalment dan kien dovut ghal nuqqas ta' qbil dwar kundizzjonijiet ghas-settur agrikolu li kienu jirrezultaw mid-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja. F'dak iz-zmien is-Socjeta ma haditx passi dixxiplinari kontra l-appellant u anqas ma tatu xi twissija bil-miktub. Dwar l-allegazzjoni ta' imgieba mhux korretta tal-President tal-Koperattiva, jew ahjar ir-relazzjoni bejn dan u l-appellant, it-Tribunal deherlu li din kienet ir-raguni principali ghat-temm ta' impieg u qed tigi trattata aktar il-quddiem.

Is-Socjeta qalet li l-appellant tkecca wara r-rapport negattiv tal-Bord ta' Verifika. Dan kien ibbazat fuq erbgha punti principali. L-ewwel wiehed kien jekk ix-xoghol ta' l-appellant kienx ta' livell accettabli. Il-Bord stess qal li l-appellant ghamel hafna xoghol siewi fl-ewwel sitt xhur u kien bniedem ta' inizjattiva izda wara dan il-perijodu l-inizjattiva ma baqghetx konformi mal-"policy" tal-Kumitat ta' Tmexxija. Ghalkemm l-appellant kien jaghmel hiltu biex iwettaq dak li hu kien jidhirlu li hu fl-ahjar interess tal-biedja u jiehu inizzjattivi b'dan il-ghan, ma jirrizultax li qatt naqas milli josserva direttivi li nghatawlu mis-Socjeta. Il-Bord semma li tul l-impieg ta' l-appellant ix-xoghol tal-pitkalija ma marx il-quddiem. Huwa ngust li dan jigi b'xi mod attribwit lill-appellant meta kien inghata struzzjonijiet li jikkoncentra x-xoghol tieghu fuq dak li kellu x'jaqsam mad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja u jhalli x-xoghol tal-pitkalija f'idejn haddiehor.

It-tieni punt kien jekk l-appellant mexiex fuq il-gwida tal-Kumitat ta' Tmexxija. Fil kuntatti ma l-appellant dan kien ikun rapprezentat mill-President u s-Segretarju izda fil-bicca l-kbira l-kuntatt fix-xoghol ta' kuljum ma l-appellant kien isir mill-President. Huwa fatt li fl-ahhar xhur ta' l-impieg ta' l-appellant kien hemm nuqqas ta' qbil mal-President dwar xi affarjiet konnessi mad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja izda ma ngiebet ebda prova li mexa kontra l-interessi tas-Socjeta jew li naqas li josserva xi direttivi li nghatawlu.

It-tielet punt kien jekk in-nuqqas ta' ftehim kienx biss mal-President jew mal-Kumitat u dan se jigi trattat aktar il-quddiem. Ir-raba punt kien li bl-agir tieghu l-appellant pogga s-Socjeta f'dawl ikrah mal-Ministeru ta' l-Agrikultura. Diga ntqal li ghalkemm f'cirkostanza wahda l-appellant kien naqas fil-prudenza ma kienx dan li wassal biex hzienu r-relazzjonijiet mal-Ministeru izda cirkostanzi ohra.

Wara li ezamina d-dokumenti prezentati kollha u qies ix-xhieda volominuza t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet rizultat ta' nkopatibbilta fil-karattru tal-President u ta' l-appellant. Dan ta' l-ahhar, li kien nominat mill-Kumitat ta' Tmexxija biex jidher ghas-Socjeta fid-diskussjonijiet dwar id-dhul ta' Malta fl-

Ewropa, kien jaghmel hiltu kollha biex isir dak li hu kien jidhirlu l-ahjar ghal bdiewa u, biex jasal, forsi anke kien jafas xi ftit zejjed u jiehu inizzjattivi minghajr konsultazzjoni mal-President li ghalhekk kien ihossu urtat. Ha inizjattivi u ghamel kuntatti, mhux dejjem korretti, ma kumitati, gruppi jew individwi li ma kienux fl-interess tal-Kumitat tat-Tmexxija u li jmissu kien jaf li ma kienux jaqblu max-xewqat tal-Kumitat. Minn naha l-ohra jidher li l-President kien jiddejjaq bl-inizzjattivi li kien jiehu l-appellant specjalment meta ma jkunx infurmat bihom minn qabel u jhoss li l-appellant kien qed ikun dominanti wisq u jcekken lilu u lill-Kumitat. Izda minflok tah struzzjonijiet cari u twissijiet bil-miktub kien iqajjem argumenti quddiem terzi u fis-sahna jghidlu kliem iebes jew goff inkluz theddid ta' tkeccija.. B'hekk kienu jkomplu jihzienu r-relazzjonijiet bejniethom meta forsi setghu jitjiebu bi kliem ta' korrezzjoni bil-kalma. Jidher ukoll li l-Kumitat ma kienx ghal kollox deciz li l-appellant ghandu jitkecca u halla l-possibbilta lill-President li forsi jasal fi ftehim mieghu biex jibqa fl-impieg. Izda ma jidhirx li sar xi sforz kbir mill-partijiet ghaliex is-sitwazzjoni bejniethom kienet hzienet wisq. Wara laqgha ma l-appellant il-President u s-Segretarju ddecidew li ma kienx hemm il-possibbilta ta' ftehim u li ghandu jintemm l-impieg. Hekk ghamlu minghajr ma regghu marru ghand il-Kumitat fuq il-premessa li l-Kumitat kien halla f'idejhom..

It-Tribunal ikkonsidra n-nota responsiva li ghamel l-appellant ghas-sottomissjonijiet finali tas-Socjeta u l-kumment tas-Socjeta dwar din. Ihoss li ghandu jaghmel rimarki dwar xi argumenti li zied l-appellant.

Intqal li "Tressqu bizzejjed provi quddiem it-Tribunal li juru li kien fl-interess tal-Gvern li jippressa li jkun eliminat ir-rikorrent, bhala l-"ispokesman" tal-Koperattiva Centrali, mid-diskussjonijiet dwar il-linja li kellha tittiehed mill-Gvern fin-negoziati ma l-Unjoni Ewropeja dwar il-qasam agrikolu ……..". Ma jirrezultax lit-Tribunal li din l-allegazzjoni giet b'xi mod sostanzjata.

Ukoll li "Tressqu bizzejjed provi quddiem it-Tribunal li juru li l-linja tal-Koperattiva Centrali kif esposta mir-rikorrent kienet fil-fatt ta' gid ghall-bdiewa, u li l-linja li ha l-Gvern spiccat ta' dannu ghall-bdiewa." Mhix kompetenza tat-Tribunal li jiddeciedi min kellu l-ahjar linja u anqas kieku tressqu provi konkreti f'dan ir-rigward ma kellu il-kompetenza teknika jew id-dritt li jiggudika din l-allegazzjoni. Il-kompitu tat-Tribunal kien li jistabbilixxi jekk l-appellant, bhala impjegat tal-Kumpanija, mexiex dejjem skond id-direttivi taghha u fuq il-linja li hadet hi.

Barra minn hekk intqal li "It-Tribunal ma jistghax skond il-ligi jistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-Bord ta' Inkjesta mwaqqaf mis-socjeta intimata fil-pjan premeditat taghha li tittermina l-impieg tar-rikorrent." Mill-provi li ngiebu quddiem it-Tribunal ma jirrezultax li kien hemm tali premeditazzjoni. Tant hu hekk li l-appellant jghid li "Wara kollox, il-Bord ta' Inkjesta l-anqas ma qabel li l-impieg tar-rikorrent ikun terminat arbitrarjament mis-socjeta' intimata." It-Tribunal qatt ma jistrieh fuq gudizzju li jkun ghamel haddiehor, anqas jekk din tkun Qorti, izda jiehu kunsiderazzjoni ta' xhieda u dokumenti li jitressqu quddiemu u jtihom il-pis li jisthoqqilhom bl-iskop li jasal ghal decizjoni gusta.

It-Tribunal isib li s-sitwazzjoni kienet tali li l-appellant ma setghax ikompli fl-impieg minhabba r-relazzjoni hazina li kienet tezisti bejnu w l-President u darba li l-maggoranza tal-Kumitat kienu tilfu l-fiducja fih. It-Tribunal ikkunsidra li t-tkeccija saret wara li Bord ta' Verifika kien sab li l-appellant kellu nuqqasijiet fl-attitudni u fl-agir tieghu u li kien inghata kull opportunita li jiddefendi ruhu. Izda ghalkemm kellu xi nuqqasijiet fl-attitudni u fil-mod li agixxa f'certi cirkostanzi forsi dawn ma kienux iwasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impieg kieku l-President ha passi fil-hin u b'mod inqas aggressiv biex tigi kontrollata s-sitwazzjoni.

It-Tribunal jiddeciedi li s-Socjeta ghandha thallas kumpens ta' Lm 800 (tmien mitt lira) lill-appellant mhux aktar tard mill-15 ta' Dicembru 2005.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja